Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2375

Kaz Numru 3001/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Marisa Attard

U

Id-Dar tal-Providenza Dwar allegazzjoni ta' tkecija ingusta

Illum 23 ta' Marzu 2015

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datat 20 ta' Dicembru 2012 mill-Avukat Dr. Joanne Vella Cuschieri u Dr. Abigail Galea li bghatet dan ir-rikors ghan-nom ta' Marisa Attard fejn talabet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali minhabba tkeccija ingusta.

Marisa Attard maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Abigail Galea u ghad-Dar tal-Providenza deher Fr. Martin Micallef assistit minn Dr. Domnic Cassar.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li ma kienetx libset resident il-harqa meta espressament kienet ipprojbita milli taghmel dan ghax ir-resident kellu tendenza li jiekol il-harqa u xorta keccewha.

Id-Dar tal-Providenza fl-istqarrija taghha qalet li hemm regunijet sufficjenti u validi ghat-tkecicja ta' Marisa Attard anki tenut kont tad-diversi twissijiet li gja kien hemm.

**PROVI**

Xehed Father Martin Micallef li huwa d-Direttur tad-Dar tal-Providenza fejn qal li pazjent Xandru Fnech ghandu dizabilita severa hafna u fil-15 ta' Ottubru 2011 dahal rapport fejn minkejja li kien hemm ordni li matut il-lejl lill-Xandru Fenech ma jlibsux nappy ghax jista' jikola Marisa Attard libsitu dan in-nappy matul il-lejl. Kellu ukoll baby growth. Wara dan l-incident mexxa bil-Bord tad-Dixxiplina. Bhala fatt kien hemm ukoll zewg okkazzjonijiet fejn inghatat twissija bil-miktub fuq zewg kazijiet precedenti. Irraporta jghid li fuq rapport ta' Julie mar bil-lejl ma sour Geswina. Ix-xhud qal li jaf li Marisa Attard kienet assistuta minn Donia sabiex libset in-nappy lil Xandru Fenech pero Donia ma kientex taf b'din l-ordni.

Xehedet Suor Geswina Mangion fejn qalet li hija responsabbli mill-pazjenti kemm bil-lejl u bin-nhar gewwa d-dar Tal-Providenza s-Siggiewi. Il-pazjent inkwistjoni huwa defunct billi mhux kapaci jiggieled ghalih innifsu, la jitkellem , la jiccaqlaq. Infurmat lill-impjegati tad-day duty li jahdmu fil-flat ta' l-Anglu Kustodju sabiex ma jlibbsulux in-nappy filghaxija. Stqarret li kienet giet infurmata minn Julie Montebello wahda mill-istaff td-day duty illi sabet pazjent bin-nappy u qalet li kienet Marisa li ghamlitha. Ix-xhud qalet li taf li Donia kienet ghenet lill-Marisa Attard tlibbes in-nappy lill-pazjent.

Xehedet Kalcidonja Darmanin u tahdem bhala night supervisor fejn qalet li l-pazjent Xandru Fenech ma kellux jitlibbes nappy matul il-lejl. Pero jirrizulta illi Marisa kienet talbet ghajnuna sabiex tlibbes in-nappy lil Xandru Fenech u ma ratx xejn hazin ghax fuqu kien jintlibes bhala boiler suit.

Xehedet Doris Cuschieri li tahdem bhala bhala House mother fejn qalet li hadet id-decizzjoni mas-Sister sabiex ma jintlibix nappy matul il-lejl u dan il-messagg gie kkomunikat l-istaff kollu kif ukoll tnizzel fuq il-blackboard. Qalet ukoll illi Marisa Attard kienet taf b'din l-ordni.

Kienet giet infurmata minn Julie Camilleri bl-incident li kien sehh. Ix-xhud tkun tal-gurnata u saret taf x'gara meta tiehu over filghodu. Ix-xhud spjegat li Julie qaltilha li rat lil Marisa wahedha u ma tafx jekk xi hadd iedor ghejnita tlibbes in-nappy. Ma tafx ukoll jekk kien hemm xi night supervisor sabiex taghmel kuntatt dak in-nhar tal-incident

Xehed Alfred Bezzina li huwa l-amministratur fejn qal li l-ordni fuq Xandu Fenech tnizzlet fuq in-notice board. Din l-ordni inkisret minn persuna wahda fuq rapport ta' Julie. Xehed ukoll fuq zewg rapport kontra Marisa Attard li kienet gja rceviet.

Xehedet Marisa Attard fejn qalet li kienet tahdem fix-shiftijiet ta' bil-lejl u darba wahda giet is-supervisor Donia u flimkien libbsu n-nappy lil pazjent. Iddikjarat li ma rat ebda notice biex lil pazjent ma jlibsulux in-nappy. Iddikjarat ukoll illi lis-soru qatt ma ratha hlief f'xi Christmas party.

Xehedet Julie Fenech fejn qalet li kienet taf fuq il-pazjent Xandru li ma jlibbsulux nappy filghaxija kemm mill-whiteboard kif ukoll minn Doris il-house Mother. Kien il-3 ta' Ottubru ghal habta tad-disgha ta' filghaxija meta dahlet gewwa fil-Flat Anglu Kustodju u rat lill-Marisa Attard tlibbislu nappy u ukoll kienet qieghda tlibbsu libsa u qaltilha rajt ma rajtx u smajt ma smajmtx. Ukoll fil-23 ta' Ottubru regghu ltaqghu u Marisa Attard talbet lill-Julie Fenech tlibbsu nappy. Wara dan ghamlet rapport. Iddikjarat illi lill-Donia ma rathiex.

Rega xehed Fr. Martin Micallef

Xehed Richard Saliba li kien ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina li investiga l-kaz ta' Marisa Attard fejn spjega li sema' l-kaz u l-Bord ghamel rapport.

Regghet xehedet Marisa Attard fejn qalet li kif dahlet ghax-xoghol sabet lill-pazjent gja bin-nappy. Ukoll bl-ghajnuna ta' Donia libsuh il-libsa. Qalet li ma kinetx taf li kien hemm struzzjonijet fuq il-pazjent li ma jitlbbisx in-nappy.

Xehed Paul Micallef li huwa l-assistent segretarju fil-GWU fejn xehed fuq dak li sema.

Xehed Philip Bonnici li huwa rapprezentant tal-kumpanija Support Services Limited fejn xehed fuq l-introjtu ta' Marisa Attard.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li din il-kawza iddur fuq jekk l-appellanta Marisa Attard kienet taf bl-ordni moghtija mis-soru. It-Tribunal jikkonkludi li huwa konvint li Marisa Attard kienet taf b'dik l-ordni u messet qatt ma libset lill-pazjent in-nappy. It-Tribunal irid jara issa jekk l-azzjoni ta' Marisa Attard hija tali li timmerita li tigi mkeccija. It-Tribnunal ihoss illi wara li ra l-istorja tax-xoghol taghha billi ghandha ukoll zewg warnings billi dan il-pazjent huwa vulnerabbli hafna u messet hadet aktar prekawzjoni tenut kont tal-fatt illi sknd dan it-Tribunal kienet taf bl-ordni ma jhalli ebda dubbju f'mohh it-Tribunal li Marisa Attard ghanhda titkecca.

It-Tribunal huwa konvint li f'dan il-kaz Marisa Attard ghanhda titkecca u hemm ragunijet bizzejjed ghat-tkeccija taghhha.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li id-Dar tal-Provvidenza irnexxielha tipprova l-kaz taghha u tiddikjara illi r-raguni ghat-tkeccija hija wahda gusta u sufficjenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

G Spiteri

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju